31996R1516

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 1516/96

tad-29 Lulju 1996

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2771/75 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 8 (13) tiegħu,

Billi l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomeniklarura tat-tariffi u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1192/96 [4], fih in-nomenklatura magħquda li hi preżentament fis-seħħ;

Billi numru tad-deskrizzjonijiet mogħtija fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75 m'għadhomx aktar jikkorrispondu għan-nomeniklatura magħquda; billi l-Anness I għal dak ir-Regolament għandu għalhekk ikun emendat; billi, fl-interessi taċ-ċarezza, dawk l-emendi għandhom jiġu nkorporati f'L-Anness li jibdel l-Anness I;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kummitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75 huwa mibdul bl-Anness t'hawnhekk.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
[2] ĠU L 305, tad-19.12.1995, p. 49.
[3] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[4] ĠU L 156, tad-29.6.1996, p. 15.

L-ANNESS

"L-ANNESS I

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
ex 0403 10 51 sa ex 0403 10 99 ex 0403 90 71 sa ex 0403 90 99	Xorrox, baqta tal-ħalib u krema, jogurt, kepir u ħalib u krema oħra iffermentati jew aċidifikati, bit-tgħoma jew li jkun fihom żidea ta' kawkaw, seww jekk u anki jekk le, ikkonċentrati jew li jkun fihom żieda ta' zokkor jew materji oħrajn tal-ħlewwa
1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn ta' l-ikel li fihom il-kawkaw
ex 1901	Preparazzjonijiet ta' l-ikel ta' oġġetti ta' l-intestura Nri 0401 sa 0404, li jkun fihom anqas minn 5 % bil-piż ta' kawkaw ikkalkolati fuq il-bażi totalment mingħajr xaħmijiet, li ma humiex x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi
1902 11 00	Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew b'mod ieħor ippreparat li jkun fih il-bajd
ex 1904	Ikel ippreparat akwistat bit-tinfih jew l-inkaljar ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju cornflakes). ċereali, apparti mili l-qamħ-ir-rum (korn), f'għamla ta' qmugħ jew fil-għamla ta' qxur jew qmugħ oħra maħduma (apparti milli tqiq u smida), imsajjar bil-lest jew b'mod ieħor ippreparat, li ma humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, li jkun fihom il-kawkaw
1905	Ħobs, għaġina, kejkijiet, biskuttini u prodotti oħrajn tal-furnara, seww jekk u anki jekk le, jkun fihom il-kawkaw; ostji tat-tqarbin, fosdqi vojta tat-tip tajbin għall-użi farmaċewtiku, ostji tas-siġillar, karta tar-ross u prodotti simili
1905 20	– Ħobs tal-ġinġer u simili
1905 30	– Biskuttini ħelwin, waffles u wafers
1905 40	– Biskuttelli, ħobs mixwi u prodotti oħrajn simili
1905 50	– Oħrajn, bl-eċċezzjoni ta' prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM 1905 90 10 sa 1905 90 30
ex 2105 00	Ġelati u silġijiet oħrajn li jittieklu, li jkun fihom il-kawkaw
2208	Alkoħol etiliku mhux denaturizzat ta' qawwa alkoħolika bil-volum ta' anqas minn 80 % vol; spiriti, likuri u xorb ieħor spiritus:
2208 70	– Likuri
3502	Albumini (inklużi konċentrati ta' tnejn jew aktar proteini tax-xorrox, li jkun fihom bil-piż aktar minn 80 % ta' proteini tax-xorrox, ikkalkolati fuq il-materja xotta), albuminati u derivattivi oħrajn ta' l-albumina:
3502 11 90	– – – Albumini xotti oħrajn tal-bajd
3502 19 90	– – – Albumini oħrajn tal-bajd"